



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 23 ta' Settembru 2026
(OR. en)

2025/0176(COD)

PE-CONS 45/26

SIMPL 155
ANTICI 161
INDEF 133
MAP 137
CSC 428
ENV 776
COMPET 794
ENT 163
MI 665
CHIMIE 87
CODEC 1246

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (KE) Nru 1272/2008, (UE)
Nru 528/2012, (UE) 2019/1021 u (UE) 2021/697 fir-rigward tal-prontezza
tad-difiża u l-iffaċilitar tal-investimenti fid-difiża u tal-kundizzjonijiet għall-
industrija tad-difiża

REGOLAMENT (UE) 2026/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (KE) Nru 1272/2008, (UE) Nru 528/2012,
(UE) 2019/1021 u (UE) 2021/697 fir-rigward tal-prontezza tad-difiża
u l-iffaċilitar tal-investimenti fid-difiża u tal-kundizzjonijiet għall-industrija tad-difiża**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 182(4), l-Artikolu 183, l-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C, C/2026/30, 16.1.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/30/oj>.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2026 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Sabiex jiġu ffaċilitati l-investimenti fid-difiża mill-Istati Membri, jeħtieġ jitneħħa l-piż regulatorju u amministrattiv għall-prontezza tad-difiża u li jiġihaffu l-proċeduri ta' approvazzjoni u ta' awtorizzazzjoni. Maż-żmien, il-faċilitazzjoni ta' tali investimenti u s-simplifikazzjoni se jappoġġaw it-tkabbir tal-industrija tad-difiża u se jiikkontribwixxu biex jappoġġaw il-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri. Huwa importanti li l-Unjoni u l-Istati Membri jkomplu jindirizzaw l-isfidi prattiċi li l-industrija tad-difiża jiffaċċjaw, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), u fejn meħtieġ jikkunsidraw aġġustamenti, filwaqt li dejjem jiżguraw il-bilanċ it-tajjeb bejn iż-żamma ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, ta' suq intern kompetittiv u tal-prontezza tad-difiża.
- (2) Filwaqt li diversi strumenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jipprovdu l-flessibbiltà meħtieġa biex l-Istati Membri jieħdu azzjoni ħalli jiffaċilitaw iż-żieda tal-industrija tad-difiża, l-implimentazzjoni tagħhom flimkien mal-leġiżlazzjoni nazzjonali spiss ixekklu l-prontezza tad-difiża, pereżempju, kif l-Istati Membri jużaw l-eżenzjonijiet mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ meta meħtieġ fl-interess tad-difiża, inkluż għall-prontezza tad-difiża.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

- (3) Jenħtiegħ li l-qafas legali stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiġi adattat biex iqis l-oġġettiv tal-prontezza tad-difiża. Il-flessibbiltà u l-aġilità huma meħtieġa biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tas-sigurtà nazzjonali u tal-Unjoni relatati mad-difiża, li jirriflettu s-sitwazzjoni ġeopolitika li marret għall-aġar. Fl-istess ħin, huwa fundamentali li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, u ċarezza legali. Hemm indikazzjonijiet li l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 f'xi Stati Membri ma jqisux bis-sħiħ il-flessibbiltà pprovduta minn dak ir-Regolament. L-eżenzjoni attwali tad-difiża tista' tittejjeb biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u b'hekk tippermetti azzjonijiet aktar rapidi. Għalhekk jixraq li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet tad-difiża nazzjonali eżistenti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jitwessa', filwaqt li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jawtorizzaw eżenzjonijiet usa' fl-interess tad-difiża kif meħtiegħ, filwaqt li tinżamm ir-responsabbiltà fundamentali biex il-ħtiġijiet tas-sigurtà tad-difiża u relatati mad-difiża jiġu bbilanċjati ma' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

- (4) Jenħtieġ li jsiru bidliet simili f'atti legali oħra relatati mas-sustanzi kimiċi li jipprevedu eżenzjoni nazzjonali ekwivalenti, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, biex jiġi żgurat ambjent regolatorju koerenti għall-prontezza tad-difiża.
- (5) Filwaqt li s-settur tad-difiża jista' jirrikjedi ċerti eżenzjonijiet mir-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (KE) Nru 1272/2008 u (UE) Nru 528/2012 biex jinżammu l-kapaċità operazzjonali u l-prontezza tad-difiża, tali eżenzjonijiet jenħtieġ li jkunu permessi biss meta jkunu ġustifikati bħala neċessarji fl-interessi tad-difiża.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).

- (6) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-“Konvenzjoni”) u l-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila rigward Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes. Parti ma tistax tagħti eżenzjonijiet ladarba tkun ġiet adottata deċiżjoni skont il-Konvenzjoni biex tiġi elenkata sustanza kimika fl-Anness A, B jew C tal-Konvenzjoni lil hinn minn dawk mogħtija skont il-Konvenzjoni, sakemm il-parti ma taċċettax dak l-ejenkar. Jenħtieġ, għalhekk, li l-ħtiġijiet tal-prontezza tad-difiża jiġu indirizzati fl-istadji preparatorji fl-Unjoni qabel ma jiġu stabbiliti projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fil-livell internazzjonali fil-Konvenzjoni. Għal din ir-raġuni, hu importanti li l-informazzjoni rilevanti tinġabar, tiġi vvalutata u ppreżentata għall-fini tal-istadju ta' evalwazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju fil-proċess tal-ejenkar ta' sustanza fi ħdan il-Konvenzjoni, għaliex huwa f' dak l-istadju li l-Kumitat ta' Rieżami tal-Pollutanti Organiċi Persistenti jista' jkoll eżenzjonijiet potenzjali minn miżuri ta' kontroll possibbli għal dik is-sustanza.
- (7) Ma jistax jiġi eskluż li l-informazzjoni dwar l-użu ta' sustanzi kimiċi jkun fiha informazzjoni sensittiva li jeħtieġ tiġi protetta. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri, filwaqt li jittqies id-dritt internazzjonali, jitħallew jagħmlu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti ta' rapportar previsti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1021 għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tad-difiża u relatata mad-difiża nazzjonali jew tal-Unjoni, għall-fini tal-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>).

- (8) Jenħtieġ li l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u għall-kisba tal-oġġettiv tal-prontezza tad-difiża sal-2030, kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew, u b'hekk isahha l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tal-Unjoni quddiem l-isfidi tas-sigurtà li qed jevolvu. Dak jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod effettiv spettru wiesa' ta' theddid, inkluż it-theddida ta' operazzjonijiet ibridi u r-riskju ta' aggressjoni armata.
- (9) L-EDF jenħtieġ li jsahha ir-reżiljenza tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), inkluż permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji u assi li jżidu l-effiċjenza enerġetika u jnaqqsu d-dipendenzi fuq fornituri esterni għall-materja prima kritika.
- (10) Skont ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, jenħtieġ li l-Unjoni tidentifika Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs) li fuqhom tiffoka l-isforzi u r-riżorsi. L-EDPCIs iridu jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi li għandhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività tal-EDTIB madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri li huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni. Għalhekk, l-EDF jista' jappoġġa attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u żvilupp konsistenti ma' dawk meħtieġa f'dan il-kuntest.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("ir-Regolament EDIP") (ĠU L, 2025/2643, 29.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2643/oj>).

- (11) Ir-rapport dwar l-evalwazzjoni interim tal-EDF ikkonferma l-effettività u r-rilevanza ġenerali tiegħu, filwaqt li enfasizza l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri u jitnaqqas il-piż amministrattiv fejn possibbli u li jiġu introdotti l-kjarifika, is-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà fir-Regolament (UE) 2021/697 sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-EDF. Għalhekk jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi emendat, filwaqt li jitqiesu l-esperjenza miksuba mill-2021 'l hawn u r-rispons riċevut matul il-konsultazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-evalwazzjoni interim tal-EDF.
- (12) Jenħtieġ li l-piż amministrattiv marbut mal-parteċipazzjoni fl-EDF jitnaqqas aktar, u jenħtieġ li l-proċeduri jiġu ssimplifikati. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-SMEs u lill-intrapriżi żgħira b'kapitalizzazzjoni medja transfruntiera biex jiġi żgurat aċċess ġust u ekwu għas-sejħiet għall-proposti madwar l-Unjoni. Sabiex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs, huwa xieraq li l-proċeduri ta' applikazzjoni u evalwazzjoni għas-sejħiet għall-proposti relatati mal-SMEs jitqassru u jiġu ssimplifikati b'mod sinifikanti. Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-ġħoti ta' tali appoġġ fil-pront ma jimminawx approċċ ibbażat fuq l-eċċellenza u jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-programm ta' ħidma.

- (13) Jenħtieġ li l-EDF jippromwovi kollaborazzjoni li tkun konsistenti mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet, u jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-oqsma ta' kapaċità prijoritarji identifikati mill-Kunsill Ewropew.
- (14) Il-qafas legali attwali għall-implimentazzjoni tal-EDF jillimita l-użu tal-ġestjoni indiretta għal każijiet eċċezzjonali. Madankollu, biex jiġu ffaċilitati ċikli tal-innovazzjoni aktar rapidi u aktar effiċjenti, li jkunu jippermettu lill-EDF jirreaġixxi b'mod aktar effettiv għall-ħtiġijiet emerġenti tad-difiża u l-avvanzi teknoloġiċi, u għal implimentazzjoni aktar kosteffiċjenti tal-EDF, jista' jkun meħtieġ użu aktar flessibbli tal-ġestjoni indiretta. Għalhekk, jeħtieġ tiġi introdotta l-possibbiltà li l-ġestjoni indiretta tintuża b'mod aktar flessibbli, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, tat-trasparenza u tar-responsabbiltà, u li l-użu tal-ġestjoni indiretta jkun soġġett għal monitoraġġ u evalwazzjoni rigorużi biex jiġi ggarantit l-aħjar użu tal-fondi tal-Unjoni. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' għoti jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/697, kif emendat b'dan ir-Regolament, u mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, irrispettivament minn jekk jitwettqux taħt ġestjoni diretta jew indiretta.

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (15) Minħabba l-kuntest strateġiku li qed jevolvi malajr, b'mod partikolari b'riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni teknoloġika tad-difiża Ewropea hija kruċjali. L-ekosistema tad-difiża tal-Ukrajna wriet li hija innovattiva, reżiljenti u kosteffettiva f'ħafna aspetti rilevanti tat-teknoloġiji tad-difiża. Ikun ta' valur partikolari li l-EDTIB tibbenefika minn din l-esperjenza u l-għarfien espert u li tiskambja l-aħjar Prattiki biex ittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tagħha. It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn ir-riċevituri tal-Unjoni u l-entitajiet Ukreni permezz ta' azzjonijiet immirati jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal dak l-isforz. Tali kollaborazzjoni tista' b'mod partikolari tipprovdi possibbiltajiet li mhumieq faċilment disponibbli fl-Unjoni, bħal riżultati disponibbli malajr, ittestjar ta' 24 siegħa u ttestjar b'kundizzjonijiet operazzjonali realistiċi. Din tista' ttejjeb ukoll b'mod sinifikanti l-iżvilupp u l-validazzjoni tat-teknoloġiji u tal-prodotti tad-difiża u tista' tiffaċilita l-inkorporazzjoni ta' xenarji realistiċi fl-iżvilupp ulterjuri ta' teknoloġiji u ta' prodotti tad-difiża, u b'hekk jiġi żgurat vantaġġ tekniku u strateġiku għall-EDTIB. Billi jippermetti li l-ispejjeż tal-attivitajiet tal-ittestjar imwettqa fl-Ukrajna jkunu eliġibbli għall-finanzjament, l-EDF ikun jista' jappoġġa l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tad-difiża aktar effettivi u innovattivi, li fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-Unjoni. L-ispejjeż ta' tali attivitajiet tal-ittestjar jenħtieġ li jkunu eliġibbli biss għall-finanzjament sa fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi speċifiċi tal-EDF stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2021/697.

- (16) L-evalwazzjoni interim tal-EDF uriet li l-kriterji attwali tal-għoti għall-evalwazzjoni tal-proposti skont l-EDF huma kumplessi żżejjed, mhux ċari, u diffiċli biex jiġu applikati fil-prattika. Dan ħoloq piż amministrattiv u inċertezzi bla bżonn għall-Kummissjoni u għall-applikanti, u fl-aħħar mill-aħħar xekkel l-implimentazzjoni effiċjenti tal-EDF. Jeħtieġ jiġu ssimplifikati l-kriterji tal-għoti u tiġi introdotta aktar flessibbiltà fl-applikazzjoni tagħhom sabiex l-evalwazzjoni ssir aktar effiċjenti, trasparenti u effettiva. F'konformità ma' approċċ ibbażat fuq l-eċċellenza għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża, il-proposti jenħtieġ li jiġu vvalutati tal-anqas abbażi tal-eċċellenza fil-qasam tad-difiża u l-potenzjal fir-rigward tal-innovazzjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa tar-rilevanza operazzjonali u l-valur miżjud għall-Unjoni, kif ukoll abbażi ta' evalwazzjoni tal-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet. Il-possibbiltà li jintgħażel subsetti rilevanti ta' kriterji tal-għoti skont l-oġettivi speċifiċi ta' kull sejħa għal proposti abbażi ta' sejħa b'sejħa, tippermetti evalwazzjoni mfassla apposta u ffukata biex b'hekk ikun jista' jsir allinjament aħjar mal-prijoritajiet u mal-oġettivi tal-EDF. Sabiex tiġi ffaċilitata t-tnejn tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' subsettijiet ta' kriterji u l-piż rispettiv tagħhom jiġu speċifikati b'mod ċar u trasparenti f'kull sejħa għal proposti. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, kull suġġett tas-sejħa taħt sejħa għal proposti jenħtieġ li jinkludi l-istess sett ta' kriterji tal-għoti li jkun jidher fis-sejħa għal proposti tal-programm ta' ħidma annwali.

- (17) L-implimentazzjoni tal-EDF għet imxekkla minħabba r-rekwiżit li jiġu adottati programmi ta' ħidma annwali, u dan wassal għal proċeduri kumplessi, li jagħmluha diffiċli biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà u l-kontinwità tal-azzjonijiet appoġġati mill-EDF. Sabiex tiġi indirizzata dik il-kwistjoni u tiġi pprovduta aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-EDF, jeħtieġ tiġi introdotta l-possibbiltà li l-EDF jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tippjana u tikkoordina aħjar l-appoġġ għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp fid-difiża, filwaqt li jippermetti wkoll użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u sinerġiji mtejba bejn il-proġetti u l-inizjattivi differenti. Billi jippermetti programmi ta' ħidma pluriennali, il-EDF ikun jista' jappoġġa aħjar il-proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp fit-tul, irawwem il-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati, u fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxi għat-tiżni tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-Unjoni. Minħabba x-xenarju ġeopolitiku mibdul, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati bl-akbar esponiment għal theddid militari konvenzjonali.

- (18) Sabiex ikomplu jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-EDF, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tingħata l-flessibbiltà meħtieġa biex tiġġestixxi l-EDF b'mod li jottimizza l-użu tar-riżorsi u jimminimizza l-piż amministrattiv. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni tista' b'mod eċċezzjonali tirrikorri għal għotjiet diretti, u dan jippermetti proċedura aktar simplifikata u mħaffa f'ċerti ċirkostanzi, li jkunu ċari u meqjusa rilevanti għall-fini tas-suġġett tas-sejħa. Jenħtieġ li jiġu ffaċilitati l-kontinwità tal-isforzi u l-implimentazzjoni effiċjenti ta' proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp fid-difiża, filwaqt li jitħarsu approċċ ibbażat fuq l-eċċellenza, u l-prinċipji tat-trasparenza, tal-ekwità u tat-trattament ugwali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-settur tad-difiża, li titrawwem il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati u li jittejjeb l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tad-difiża innovattivi u effettivi, biex b'hekk jissaħħu s-sigurtà tal-Unjoni u l-kapaċitajiet tad-difiża tal-Istati Membri.

- (19) L-EDF għandu l-potenzjal li jagħti spinta lill-iżvilupp ta' teknoloġiji u ta' soluzzjonijiet innovattivi tad-difiża permezz tal-akkwist prekummerċjali. Madankollu, il-qafas legali attwali huwa kumpless wisq u mhux ċar fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-akkwist prekummerċjali skont l-EDF, u b'hekk ixekkel l-użu effettiv tiegħu. Il-kundizzjonijiet għall-akkwist prekummerċjali iridu jiġu ssimplifikati u ċarati, peress li d-dispożizzjonijiet attwali jippromwovu l-għoti ta' kuntratti multipli fi ħdan l-istess proċedura (l-akkwist minn diversi sorsi), li mhux dejjem ikun xieraq għas-settur tad-difiża. It-tneħħija ta' dik ir-restrizzjoni mistennija tipprovdi qafas tal-akkwist prekummerċjali aktar ċar u aktar effettiv, li jippermetti lill-EDF jappoġġa aħjar l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi, inaqas id-diskrepanza bejn ir-riċerka u l-użu fis-suq, u jipprovdi inċentiv qawwi għall-Istati Membri biex jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp fid-difiża.

- (20) Il-qafas legali attwali għall-EDF ma pprovdiex biżżejjed drittijiet ta' aċċess għar-riżultati tal-proġetti ta' żvilupp lill-Istati Membri, b'mod partikolari għal dawk il-kofinanzjaturi ta' dawn il-proġetti. Sabiex jittaffa dak it-tħassib u jiġi promoss approċċ aktar kollaborattiv u kooperattiv għar-riċerka u l-iżvilupp fid-difiża, jeħtieġ li l-Istati Membri kofinanzjaturi jingħataw id-dritt ta' aċċess għar-riżultati tal-proġetti ta' żvilupp b'termini ġusti. Tali drittijiet ta' aċċess jenħtieġ li jkunu strettament limitati biex jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jivvalutaw ir-riżultati tal-azzjoni u jivvalutaw l-użu potenzjali tagħhom għall-ippjanar tad-difiża pubblika u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet. Jenħtieġ li dawk id-drittijiet ta' aċċess ma jinvolvu l-ebda trasferiment tas-sjieda ta' kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali (DPI) jew għarfien espert u jenħtieġ li jkunu limitati għall-użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv. Barra minn hekk, meta l-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati mal-EDF ikunu kkonfermaw il-kofinanzjament lil xi entitajiet ġuridiċi ta' konsorzju, xejn fir-Regolament (UE) 2021/697 ma jipprevjeni lill-entitajiet ġuridiċi tal-konsorzju magħżul milli jipprovdu lil tali Stati Membri jew lill-pajjiżi assoċjati mal-EDF id-drittijiet li jużaw jew li jkunu użaw ir-riżultati ġġenerati matul l-azzjoni, inkluż għaċċertifikazzjoni, għall-ittestjar, u għall-integrazzjoni fis-sistemi nazzjonali kif ukoll għal finijiet oħra ta' difiża, li jridu jiġu miftiehma bejn l-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati mal-EDF u l-entitajiet ġuridiċi tal-konsorzju magħżul. Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet biex jiġu eżerċitati tali drittijiet ta' aċċess jiġu definiti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali kofinanzjaturi tal-azzjoni. Dan għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza u jiffaċilita l-proċess tan-negożjati bejn l-Istati Membri u l-industrija u jiffaċilita l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. B'riżultat ta' dan, dan mistenni jippromwovi kollaborazzjoni aktar simplifikata fir-riċerka u l-iżvilupp fid-difiża.

- (21) L-eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati mal-attivitàjiet tal-ittestjar fl-Ukrajna tista' ttejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proġetti ffinanzjati skont l-EDF. Sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-emendi tar-Regolament (UE) 2021/697, l-emenda ta' dak ir-Regolament relatata mal-eliġibbiltà ta' dawk l-ispejjeż jenħtieġ li tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2025.
- (22) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jingħata appoġġ lill-prontezza tad-difiża, li jiġu ffaċilitati l-investimenti fid-difiża u li jittejjbu l-kundizzjonijiet għall-industrija tad-difiża, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.
- (23) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (KE) Nru 1272/2008, (UE) Nru 528/2012, (UE) 2019/1021 u (UE) 2021/697 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet minn dan ir-Regolament għal sustanzi, waħedhom, f'taħlita jew f'oġġett, meta meħtieġ fl-interessi tad-difiża.”.

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet minn dan ir-Regolament għal sustanzi u taħlitiet, kif ukoll oġġetti msemmija fit-Taqsima 2.1 tal-Anness I, meta meħtieġ fl-interessi tad-difiża.”.

Artikolu 3

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 528/2012

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “8. L-Istati Membru jistgħu jippermettu eżenzjonijiet minn dan ir-Regolament għal prodotti bijoċidali, waħedhom jew f'oġġett ittrattat, meta meħtieġ fl-interessi tad-difiża.”.

Artikolu 4
Emendi tar-Regolament (UE) 2019/1021

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:

“(14) “prontezza tad-difiża” tfisser l-istat ta’ preparatezza ta’ Stat Membru jew ta’ diversi Stati Membri biex jirrispondu għal kriżi kif definita fl-Artikolu 1, il-punt (10), tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, li tkun relatata mad-difiża”;

* Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ ċerti kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj>).”;

(2) fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. Meta jiġbru, jivvalutaw u jippreżentaw informazzjoni relatata ma’ kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi skont l-Anness F tal-Konvenzjoni għall-fini tal-evalwazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 8(7) u (8) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq il-prontezza tad-difiża u l-ispeċifikitajiet tas-settur tad-difiża, inkluż l-impatt fuq il-ktajjen tal-provvista tal-produzzjoni tad-difiża.”;

(3) fl-Artikolu 13(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Meta meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu eżenzjonijiet minn dan l-Artikolu għal raġunijiet ta’ protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni jew nazzjonali fil-qasam tad-difiża għall-fini tal-protezzjoni ta’ informazzjoni sensittiva dment li tali eżenzjonijiet ma jimminawx il-konformità tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, meta rilevanti, mal-obbligi ta’ rapportar tagħhom skont il-Konvenzjoni .”.

Artikolu 5

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/697

Ir-Regolament (UE) 2021/697 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(6a) “SMEs transfruntiera” tfisser SMEs li huma stabbiliti fi Stati Membri jew f’pajjiżi assoċjati għajr dawk li fihom huma stabbiliti riċevituri li mhumie x SMEs u li jipparteċipaw fl-attività bħala riċevituri, sottokuntratturi jew entitajiet ġuridiċi oħra fil-katina tal-provvista;”;

(b) il-punt (17) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(17) “akkwist prekummerċjali” tfisser l-akkwist ta' servizzi tar-riċerka u l-iżvilupp li jinvolvi l-qsim tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq fejn hemm separazzjoni ċara tas-servizzi tar-riċerka u l-iżvilupp akkwistati mill-użu ta' volumi kummerċjali ta' prodotti finali;”;

(c) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(18a) “proposti *ex aequo*” tfisser żewġ proposti jew aktar li jkunu kisbu l-istess punteġġ tal-evalwazzjoni wara sejħa għal proposti;”;

(2) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“6. L-impenji baġitarji marbuta mal-Fond li jkopru l-attivitajiet li jkunu estiżi fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali.”;

(3) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 6

Appoġġ għal teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża u għall-azzjonijiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa mill-SMEs

1. Il-Fond għandu jappoġġa azzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża u għall-azzjonijiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa mill-SMEs fl-oqsma ta' intervent definiti fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 24.

2. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-forom l-aktar xierqa ta' finanzjament, tal-kriterji u tal-proċeduri tal-għażla u tal-għoti u tal-implimentazzjoni għal teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża u l-azzjonijiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa mill-SMEs.”;

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'każijiet sostanzjali, jistgħu jitwettqu azzjonijiet speċifiċi b'ġestjoni indiretta mill-korpi kif imsemmi fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma.

* Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).”;

(5) fl-Artikolu 9(6), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-ispejjeż marbuta ma' dawk l-attivitajiet ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond. Madankollu, jekk ir-riċevituri u s-sottokuntratturi involuti fl-azzjoni jikkooperaw ma' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Ukrajna, ikkontrollati mill-Ukrajna, jew ikkontrollati minn entità Ukrena, għall-iskop uniku li jużaw l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tagħhom għall-attivitajiet tal-ittestjar imsemmija fl-Artikolu 10(3), il-punt (f), l-ispejjeż relatati għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond dment li dawk l-ispejjeż ikunu ta' benefiċċju għall-azzjoni ffinanzjata u jkunu meħtieġa għat-tiżni tal-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-EDTIB fl-Unjoni kollha, kif stabbilit fl-Artikolu 3 .”;

(6) fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“F'ċerti ċirkostanzi li jkunu debitament sostanzjati u eċċezzjonali, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata wkoll mingħajr sejħa għal propositi f'konformità mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inkluż fil-każijiet previsti fl-ewwel paragrafu, il-punt (e), ta' dak l-Artikolu.”;

(7) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 12

Kriterji tal-ġhoti

1. F'konformità mal-Artikolu 203 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kull proposta għandha tiġi vvalutata abbażi tal-kriterji li ġejjin:
 - (a) il-kontribut tagħha għall-eċċellenza fil-qasam tad-difiża, b'mod partikolari billi jintwera li r-riżultati mistennija tal-azzjoni proposta jippreżentaw vantaġġi sinifikanti fuq il-prodotti jew it-teknoloġiji eżistenti tad-difiża;
 - (b) il-kwalità tagħha u l-effiċjenza tagħha fl-implimentazzjoni tal-azzjoni;
2. Minbarra l-kriterji msemmija fil-paragrafu 1, kull proposta għandha tiġi vvalutata abbażi ta' kriterju wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin, kif stabbilit fil-programm ta' ħidma, abbażi ta' sejħab'sejħa:
 - (a) il-kontribut tagħha għall-innovazzjoni jew il-potenzjal ta' rivoluzzjoni fl-industrija tad-difiża Ewropea, b'mod partikolari billi jintwera li l-azzjoni proposta tinkludi kunċetti u approċċi innovattivi jew ġodda li qatt ma kienu ġew applikati qabel fis-settur tad-difiża;

- (b) il-kontribut tagħha għall-kompetittività tal-EDTIB billi jinħolqu opportunitajiet ġodda għas-suq fl-Unjoni kollha u lil hinn minnha u jiġi aċċellerat it-tkabbir ta' kumpaniji fl-Unjoni kollha;
- (c) il-kontribut tagħha għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq sorsi mhux tal-Unjoni u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni kollha;
- (d) il-kontribut tagħha għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati, b'mod partikolari mal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja li jgħibu valur miżjud sostanzjali għall-azzjoni, bħala riċevituri, bħala sottokuntratturi involuti fl-azzjoni jew bħala entitajiet ġuridiċi oħra fil-katina tal-provvista;
- (e) il-kontribut tagħha għaż-żieda fl-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża, inkluż il-kosteffettività u l-potenzjal għal sinerġiji fil-proċessi tal-akkwist, tal-manutenzjoni u tar-rimi;
- (f) il-kontribut tagħha għall-integrazzjoni ulterjuri tal-industrija tad-difiża Ewropea fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu konġunt, is-sjieda jew il-manutenzjoni tal-prodott jew tat-teknoloġija finali;
- (g) il-kontribut tagħha biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati bl-oġġla esponiment għar-riskju li theddid militari konvenzjonali jiġi materjalizzat.

3. Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi d-dettalji dwar il-proċeduri tal-għażla, u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti elenkati fil-paragrafu 2, inklużi kwalunkwe ponderazzjoni tal-kriterji, il-limiti ta' punteġġ u, meta rilevanti, ir-regoli għat-trattament ta' proposti *ex aequo*, filwaqt li jitqiesu l-oġettivi tas-sejħa għal proposti.”;

(8) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-appoġġ mill-Fond ma għandux jaqbeż l-20 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 10(3), il-punt (e), mingħajr preġudizzju għal rati ta' finanzjament oġhla li jistgħu japplikaw f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.”;

(b) fil-paragrafu 3, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(a) azzjoni żviluppata fil-kuntest ta' proġett tal-PESCO, kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315*, jew fil-kuntest ta' Struttura għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP), kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, tista' tibbenefika minn rata ta' finanzjament miżjuda b'għaxar punti perċentwali addizzjonali;

- (b) attività tista' tibbenefika minn rata ta' finanzjament miżjuda, kif imsemmi f'dan il-punt, fejn mill-inqas 10 % tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-attività jiġu allokati lil SMEs stabbiliti fi Stati Membri jew f'pajjiżi assoċjati u li jipparteċipaw fl-attività bħala riċevituri, sottokuntratturi jew entitajiet ġuridiċi oħra fil-katina tal-provvista.

Ir-rata ta' finanzjament tista' tiżdied b'punti perċentwali ekwivalenti għall-perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-attività allokat għall-SMEs stabbiliti fi Stati Membri jew f'pajjiżi assoċjati li fihom huma stabbiliti riċevituri li mhum iex SMEs jew kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u li jipparteċipaw fl-attività bħala riċevituri, sottokuntratturi jew entitajiet ġuridiċi oħra fil-katina tal-provvista, sa għaxar punti perċentwali addizzjonali.

Ir-rata ta' finanzjament tista' tiżdied b'punti perċentwali ekwivalenti għaddoppju tal-perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-attività allokat għall-SMEs transfruntiera.

* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri Parteċipanti (ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2315/oj>).

** Ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("ir-Regolament EDIP") (ĠU L, 2025/2643, 29.12.2025, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2025/2643/oj>).”;

(9) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Minkejja l-Artikolu 201 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandha tiġi vverifikata biss il-kapaċità finanzjarja ta' koordinatur.”;

(10) fl-Artikolu 17(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) jistgħu jawtorizzaw, f'każijiet speċifiċi, l-għoti ta' kuntratti multipli fi ħdan l-istess proċedura (l-akkwist minn diversi sorsi);”;

(11) l-Artikolu 22 jiġihassar;

(12) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika tagħhom dwar it-trasferiment u l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża. Fir-rigward tat-trasferimenti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jużaw l-għodod kollha li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, bħall-liċenzji ġenerali tat-trasferiment, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, u jevitaw rekwiżiti amministrattivi sproporzjonati biex jiżguraw l-implimentazzjoni bla xkiel tal-azzjonijiet.

4. Fir-rigward tar-riżultati ġġenerati mir-riċevituri permezz ta' azzjonijiet ta' żvilupp appoġġati mill-Fond u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tkun notifikata qabel kwalunkwe trasferiment ta' sjieda lil pajjiż terz mhux assoċjat jew lil entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, li jseħħ fi żmien tliet snin mill-pagament finali tal-azzjoni. Jekk trasferiment ta' sjieda bħal dan imur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jew kontra l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, l-appoġġ mogħti mill-Fond għandu jiġi rimborżat.

* Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj>).”;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“6. Għall-fini tal-valutazzjoni tar-riżultati tal-azzjonijiet ta’ żvilupp u tal-valutazzjoni tal-użu potenzjali tagħhom għall-ippjanar tad-difiża pubblika u għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, l-awtoritajiet nazzjonali kofinanzjaturi ta’azzjoni u r-riċevituri li jiġġeneraw ir-riżultati għandhom jidħlu f’negozzjati, bil-ħsieb li r-riċevituri li jagħtu d-drittijiet ta’ aċċess għal dawk ir-riżultati lill-awtoritajiet nazzjonali taħt kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli li għandhom jiġu miftiehma mar-riċevituri li jiġġeneraw dawk ir-riżultati. Id-drittijiet ta’ aċċess ma għandhom jinvolve l-ebda trasferiment tas-sjieda tad-DPI jew tal-għarfien espert li jinsab fihom, u għandhom ikunu limitati għall-użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv. Dawk id-drittijiet ta’ aċċess ma għandhomx jinkludu proprjetà intellettuali ta’ sfond ħlief fejn ikun strettament meħtieġ għall-fini ta’ fehim tar-riżultati tal-azzjoni u għandhom jirrikjedu l-kunsens minn qabel tas-sidien ta’ tali proprjetà intellettuali ta’ sfond.

It-termini u l-kundizzjonijiet biex jiġu eżerċitati tali drittijiet ta’ aċċess għandhom jiġu definiti fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-riċevituri u l-awtoritajiet nazzjonali kofinanzjaturi tal-azzjoni.”;

(13) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-Fond għandu jiġi implimentat permezz ta’ programmi ta’ ħidma annwali jew pluriennali kif imsemmija fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta’ ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-ammont ġenerali riżervat għall-operazzjonijiet ta’ taħlit.”.

Artikolu 6
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 9(6), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/697, kif emendat b'dan ir-Regolament, għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
